



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.12.2011
SEG(2011) 1586 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill

dwar l-Akkwist Pubbliku

u

l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill

**dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u
postali**

{KUMM(2011) 896 finali}
{SEG(2011) 1585 finali}

1. SFOND

L-akkwist pubbliku (AP) hu l-proċess użat mill-istituzzjonijiet tal-gvernijiet u mill-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku (OSP) biex jinxraw fornimenti, jingħataw servizzi u jsiru xogħlijiet pubbliċi. Din in-nefqa hija sinifikanti u komponent influenti tal-ekonomija. Fl-2009, il-kuntratti regolati mir-regoli tal-AP tal-UE ammontaw għal 3.6% tal-PDG tal-UE (EUR420 biljun).

Diversi rapporti reċenti u stqarrijet politiċi jenfasizzaw il-ħtieġa għal reviżjoni ta' dawn id-Direttivi. Ir-reviżjoni tal-qafas tal-AP huwa priorità tal-Att dwar is-Suq Uniku.

Din il-Valutazzjoni tal-Impatt tanalizza l-isfidi attwali li taffaċċja il-politika tal-AP tal-UE u tesplora alternattivi biex issostni u tadatta d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

2. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

Dan ir-rapport jibni fuq l-għarfien espert, il-konsultazzjoni u l-analiżi esterni estensivi li jirfdu l-evalwazzjoni tal-2011 tal-AP u l-evalwazzjoni tal-2010 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2004 għall-akkwist pubbliku elettroniku. Juża s-sejbiet ta' żewġ konsultazzjonijiet tal-Green Paper dwar:

- (a) l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-AP (aktar minn 620 tweġiba)
- (b) l-espansjoni tal-użu tal-akkwist pubbliku elettroniku fl-UE (77 tweġiba).

Iż-żewġ Green Papers ġew appoġġati b'konferenzi b'attendenza tajba fi Brussell fejn il-partijiet interessati kellhom opportunità oħra biex jesprimu l-fehmiet tagħhom.

Rappreżentanti mill-Istati Membri (SM) ġew ikkonsultati permezz tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi (ACPC).

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

ġew identifikati tliet (3) problemi ewlenin:

- Nuqqas ta' kosteffiċjenza – ir-regoli attwali tal-UE jiġġeneraw iffrankar stmat ta' madwar EUR20 biljun fuq EUR420 biljun fis-sena iżda l-proċeduri jistgħu jkunu ta' piż bla bżonn peress li l-ispīża assoċjata hija ta' madwar EUR 5.6 biljun.
- Opportunitajiet mitlufa għas-soċjetà – jista' jkun li r-regoli attwali mhux dejjem jippermettu lill-partijiet interessati jottimizzaw l-użu tar-riżorsi tagħhom u/jew jagħmlu l-aħjar għażiex fl-akkwist.
- Swieg nazzjonali aktar milli tal-UE – aktar minn 98% tal-kuntratti mogħtija skont ir-regoli tal-UE jintrebħu minn offerenti nazzjonali (madwar 96% tal-valur totali).

Analiżi ulterjuri identifikat il-kawżi li ġejjin għal dawn il-problemi, ikklassifikati f'ħames (5) oqsma ewlenin.

3.1. Kamp ta' applikazzjoni

Kawża: regoli kumplessi

Regoli tal-UE kumplessi u vagi li jiddefinixxu l-ambitu u l-kopertura jiġġeneraw inċertezza, jwasslu għal biża' mir-riskji u attitudni ta' rutina mix-xerrejja pubbliċi għad-detriment tal-kwalità tal-eżi tal-akkwist pubbliku. Apparat regolatorju għali jiġi applikat għal popolazzjonijiet kbar ta' xerrejja jew tranżazzjonijiet mingħajr beneficiċju kumpensatorju suffiċċenti. Hemm ħafna “żoni ta' ambigwità” rigward l-aktivitajiet koperti mid-Direttivi (eż. il-forom tal-kooperazzjoni pubblika pubblika) u r-regoli li japplikaw għal tipi differenti ta' kuntratti. Tali l-kumplessità toħloq spejjeż ta' litigazzjoni, l-aktar fuq l-OSP li jkunu jeħtieġu parir dwar kif isuru konformi.

3.2. Proċeduri

Kawża: Proċeduri sproporzjonati u inflessibbli

Proċeduri sproporzjonati jiġġeneraw spejjeż eċċessivi, speċjalment għal kuntratti iżgħar. Proċedura tipika tiswa' kważi EUR 28 000 (OSP medja tiswa' EUR 5 500; 5.9 ditti jagħmlu offerta bi spiżza ta' EUR 3 800 kull ditta). Bl-inqas livell limitu tal-UE (EUR 125 000) dawn l-ispejjeż jirrappreżentaw 18-29% tal-valur tal-kuntratti. Evidenza ulterjuri tiġi mill-varjazzjonijiet sinifikanti nnotat fil-prestazzjoni ta' SM (eż. id-differenza fil-ħin meħuda minn meta jintbagħat l-avviż tal-kuntratt għall-għoti tal-kuntratt tvarja sa' 180 ġurnata).

Bosta partijiet interessati jilmentaw li l-proċeduri attwali huma inflessibbli u jillimitaw l-abilità tagħhom li jinnegozjaw. Partikolarment l-OSP ma jistgħux jagħmlu l-aħjar użu minn soluzzjonijiet mhux standard ta' akkwist (eż. akkwist innovattiv).

3.3. Akkwist strateġiku

Causes: inċertezza u dispożizzjonijiet insuffiċċenti dwar l-integrazzjoni tal-għanijiet strateġiċi

Minkejja diversi komunikazzjonijiet biex jiġi ċċarati kif għandhom jiġu integrati għanijiet oħra ta' politika (eż. ekoloġiċi, soċjali, innovazzjoni) meta jiġu applikati r-regoli tal-AP, ħafna partijiet interessati għadhom jesperjenzaw problemi. Huma jħossu wkoll li jista' jsir iktar biex jiġu megħejuna l-OSP li jixtiequ jonfqu fondi pubbliċi b'mod strateġikament aktar responsabbli. Biża' ta' litigazzjoni (minħabba nonkonformità) wasslet biex alternattivi bħal dawn ftit li xejn jaqdbu u nuqqas ġenerali ta' monitoraġġ ma tippermettix li jiġu identifikati suċċessi u promozzjoni usa'. Hemm ukoll nuqqas ta' konverġenza fil-mod li l-iSM jużaw l-miżuri disponibbli u l-istandardi/tikketti differenti li jirriżultaw fil-fatt jheddu li jifframmentaw aktar is-suq skont il-linji nazzjonali.

3.4. Aċċess

Kawża: ostakli għas-suq regolatorji u ‘naturali’

Diffikultajiet li jaffettwaw l-aċċess għas-suq madwar l-Ewropa jnaqqsu l-involviment tal-SMEs u jnaqqsu l-offerti transfruntieri. Ħafna offerenti qatt ma ppruvaw jagħmlu offerta f'pjalliż ieħor, minħabba taħlita ta' ostakli naturali (eż. il-lingwa, ġeografiċi) u ostakli regolatorji amministrattivi. Kemm l-SMEs u l-offerenti transfruntieri huma mxekkla b'rekwiżi amministrattivi (pereżempju l-forniment ta' dokumenti evidenzjarji) u problemi biex jiksbu l-informazzjoni. Is-sehem tal-SMEs fir-rebħ ta' kuntratti tal-AP ma nbidilx b'mod sinifikanti mill-2002 l'hawn, u lanqas ma tjiebu r-rati ta' parteċipazzjoni transfruntiera. L-aktar fattur sinifikanti li jaffettwa l-parteċipazzjoni tal-SMEs huwa l-valur tal-kuntratt – l-SMEs għandhom diffikultà biex jagħmlu offerti jew jissodisfaw kuntratti ta' aktar minn EUR 300 000.

3.5. **Governanza**

Causes: mudelli u kapaċitajiet amministrattivi differenti madwar l-iSM

Differenzi sinifikanti organizzazzjoni amministrattiva li jużaw l-iSM wasslu għal applikazzjoni, kontroll u monitoraġġ inkonsistenti madwar l-UE. Dan irriżulta f'żbalji, riskju akbar ta' frodi u maniġment tar-riżorsi anqas minn ottimali. Awđiti reċenti ta' proġetti ffinanzjati mill-UE sabu rati ta' żbalji sinifikanti minħabba applikazzjoni skorretta ta' regoli tal-AP u fċerti każijiet, traspożizzjoni skorretta tad-Direttivi tal-UE. Analiżi tal-proċeduri ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni mill-2005 identifikat firxa simili ta' żbalji u kwistjonijiet, li timplika li dawn l-iżbalji mhumiex żbalji ta' darba iżda jseħħu ripetutament.

3.6. **Konsegwenzi**

Mehħuda flimkien, dawn it-tliet (3) problemi prinċipali jwasslu għall-konklużjoni li s-Suq Itern mhux qed jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu fl-AP. Mingħajr azzjoni, fl-aħjar każ, din is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi u tista' saħansitra tiħżeen hekk kif jikbru differenzi u jitqiesu l-ispejjeż tal-opportunitajiet mitlufa minħabba qafas mhux ottimali.

Minħabba li ħafna mill-problemi identifikati huma r-riżultat ta' azzjoni u interpretazzjonijiet li jirriżultaw minn żewġ (2) Direttivi tal-UE, isegwi li azzjoni fil-livell tal-UE hija ġġustifikata u tista' tkun meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

4. **OBJETTIVI**

L-evalwazzjoni rikonoxxiet li l-għanijiet ġenerali tal-politika eżistenti tal-AP għadhom validi, partikolarmen minħabba d-diffikultajiet finanzjarji attwali f'ħafna SM. Għalhekk l-UE se tkompli tippromwovi kompetizzjoni ġusta u nondiskriminatorya madwar l-UE kollha sabiex tagħti l-aħjar valur għall-flus filwaqt li tikseb l-aħjar riżultati possibbi mill-akkwist pubbliku għas-soċjetà. Ser tibqa' wkoll attiva fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Ġew identifikat għanijiet spċifici biex iwieġbu għal problemi ewlenin identifikati hawn fuq. Dawn huma li:

- (1) titjieb il-kostefficenza tar-regoli u l-proċeduri tal-AP tal-UE;

- (2) jittieħed il-vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet kollha biex jiksbu l-aħjar riżultati possibbli għas-soċjetà;
- (3) jinħolqu swieq tal-UE u mhux nazzjonali għall-AP.

disa' (9) għanijiet operazzjonali ġew ukoll identifikati biex jindirizzaw il-kawżi tal-problemi. Il-kisba ta' dawn l-għanijiet operazzjonali għandha tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi u twassal għal prestazzjoni aħjar tal-miri primarji.

5. ALTERNATTIVI

Tqiesu firxa wiesgħa ta' alternattivi, għalkemm azzjoni radikali (jew t-tnejħiha totali jew armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE) malajr ġew imwarrba. Bl-użu tal-għanijiet operazzjonali bħala gwida, firxa ta' alternattivi mhux leġiżlattivi (SOFT) u leġiżlattivi (LEGI), ibbażata fuq ċerti għażiell kruċjali, ġiet żviluppata biex jiġu indirizzati kull waħda mill-ħames (5) oqsma problematiċi ewlenin. Ġie adottat approċċ ta' livell għoli, billi l-eżami mikroskopiku tal-bidliet leġiżlattivi kollha possibbli jiproduci dokument ta' diversi mijiet ta' paġni.

Wara aktar skrining, tnax-il (12) alternattiva kienu magħżula għal iktar analiżi b'paragun max-xenarju bażi (ebda tibdil). Inżammu żewġ (2) alternattivi għal kull qasam problematiku, li jvarjaw fil-grad ta' ambizzjoni tagħhom, u alternattivi ta' liġi soft għal problemi fl-aċċess u l-governanza.

Għal qasam problematiku speċifiku, mhijiex dejjem għażla ta' "waħda jew l-oħra" favur alternattiva minnhom. Għas-soluzzjonijiet proposti rigward l-ambitu, il-proċeduri u l-governanza, l-aħjar soluzzjoni tista' tkun kombinazzjoni ta' alternattivi kemm LEGI jew LEGI u SOFT.

6. IMPATTI U PARAGUNI TAL-ALTERNATTIVI

L-impatti ewlenin ta' dawn l-alternattivi huma mqassra hawn taħt. Ingħeràli, l-aktar impatti immedjati huma ekonomiċi flimkien ma' effetti limitati soċjali u ambjentali, ħlief għal l-alternattivi marbuta mal-użu strateġiku li huma, min-natura tagħhom, maħsuba biex joħolqu impatti soċjali u ambjentali (pożittivi).

6.1. Kamp ta' applikazzjoni

Alternattivi

SCO.LEGI.TARGET: aġġustamenti fil-mira għal ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-AP

SCO.LEGI.REDUCE: emendi sinifikanti biex jiġu esklużi ċerti xerrejja/akkwisti

Impatti

Dawn iż-żewġ l-alternattivi għandhom itejbu c-ċarezza u għalhekk itejbu l-kosteffiċjenza. SCO.LEGI.TARGET għandha tindirizza l-oqsma ambigwi li jeżistu attwalment u ttejjeb iċ-ċertezza legali mingħajr ma tiskatta kwalunkwe konsegwenzi internazzjonali mistennija. Il-ħolqien ta' reġim ġdid eħsef għall-kuntratti tas-servizzi

soċjali 'il fuq minn EUR 500 000 u l-applikazzjoni tar-reġim sħiħ għas-servizzi oħra kollha għandhom iteju ċ-ċarezza u l-applikazzjoni tar-reġoli tal-UE.

L-impatti, u għalhekk il-benefiċċji, SCO.LEGI.REDUCE jkunu limitati għall-akkwisti pubbliċi eskużi u huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li kwalunkwe reġim nazzjonali sostitut huwa ehfet minn dak tal-UE. Filwaqt li regoli tal-akkwist nazzjonali (taħt il-livelli limitu tal-UE) jistgħu jkunu inqas preskrittivi, xorta tibqa' spiża regulatorja sostanzjali għal tali akkwisti eżentati flimkien mal-ispejjeż inevitabbi u inerenti ta' mmaniġjar tajjeb tal-AP. Barra minn hekk l-eskużjonijiet inaqqsu t-trasparenza fil-livell tal-UE, iżda probabbilment anki nazzjonālment, bl-impatt negattiv assoċjat fuq il-kompetizzjoni u prezz imħallas. Skont l-eskużjonijiet eżatti, jista'jkun hemm spejjeż addizzjonal jekk jinkisru l-obbligi internazzjonali u b'hekk tiskatta l-eskużjoni mis-swieq ta' pajjiż sieħeb b'impatti negattivi potenzjalment sinifikanti għall-kumpaniji tal-UE li jikkummerċaw ma' dawn il-pajjiżi.

It-titjib taċ-ċarezza legali (SCO.LEGI.TARGET) ma jindirizzax kwistjonijiet li jaffettwaw l-interessi tal-partijiet interessati u t-tranżazzjonijiet. Id-deċiżjoni dwar jekk ikunux koperti l-partijiet interessati u s-suġġetti xierqa hija aktar kumplikata (u sa' ċertu punt ta' natura politika minħabba il-konseguenzi internazzjonali possibbli).

6.2. Proċeduri

Alternattivi

PRO.LEGI.DESIGN: jiġu kkoreġuti u mtejba l-proċeduri eżistenti.

PRO.LEGI.FLEXIB: espansjoni tal-għażla tal-alternattivi proċedurali disponibbli għall-OSP u jitneħħew il-proċeduri li jirriżultaw fi spejjeż sproporzjonati.

Impatti

PROC.LEGI.DESIGN ittejjeb it-tfassil ta' ċerti proċeduri u tagħti iktar ċarezza legali dwar x'ikun meħtieġ. Dan għandu jtejjeb il-kosteffiċjenza u l-proporzjonalità kumplessiva tal-proċess tal-AP. Filwaqt li użu akbar ta' tekniki tal-akkwist ripetittivi għandu jkollu benefiċċji kumplessivi pożittivi għall-OSP, hemm xi tħassib dwar l-eskużjoni mis-suq u l-aċċess fit-tul tad-ditti għal dawn l-għodda. Din tkun trid tiġi indirizzata sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni u jimpedixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni. L-għodod u miżuri ta' infurzar li jistgħu jiffaċilitaw il-qbid tal-akkwist-e għandhom iteju b'mod sinifikattiv il-kosteffiċjenza u jsaħħu l-integrazzjoni tas-swieq tal-AP tal-UE, għalkemm ikun hemm spejjeż tat-twaqqif u l-ostakli tekniċi x'jingħelbu (biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq).

PROC.LEGI.FLEXIB iżżejjid l-għażla u l-flessibbiltà disponibbli għall-OSP u tista' wkoll ittejjeb l-eżi tal-akkwist pubbliku, partikolarmen permezz tal-użu ta' aktar neozjajar (għalkemm b'ċerti kundizzjonijiet dwar l-użu xieraq u l-ispejjeż potenzjali biex jiġi żviluppat għarfien espert dwar in-neozjjar). Reġim ehfet għall-kuntratti offruti minn awtoritajiet sottoċentrali għandhom iteju l-kosteffiċjenza u jekk wieħed jassumi ċerti rekwiżiti minimi ta' trasparenza (l-użu ta' Avviż ta' Informazzjoni Minn Qabel), ma għandu jkun hemm l-ebda konseguenzi serji internazzjonali u fuq il-kompetizzjoni.

6.3. Akkwist strateġiku

Alternattivi

STR.LEGI.FACILIT: jippermetti lilli-OSP jinkwadraw l-ħtiġijiet tal-AP tagħhom b'modi li jintegraw għanijiet politiċi oħra.

STR.LEGI.ENFORC: tneħħi d-diskrezzjoni tal-OSP. Ikunu jridu jagħtu l-kuntratti (kollha jew parti minnhom) fuq il-bażi tal-prestazzjoni ta' miri politiċi oħra.

Impatti

Ġeneralment, il-miżuri taħt dawn iż-żewġ alternattivi huma simili ħafna. L-impatti tagħhom jistgħu jvarjaw l-aktar skont jekk kienx adottat approċċ permessiv jew koersiv fil-livell tal-UE. It-tnejn li huma jkunu jimmiraw li jtejbu l-abbiltà tal-OSP li jilhqqu għanijiet strateġiċi usa'. L-impatti strateġiċi tal-alternattiva FACILIT ġeneralment ikunu anqas minn dawk tal-ENFORC, minħabba varjazzjonijiet probabbli fl-implementazzjoni fl-iSM skont l-għażliet li jsiru. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali u l-OSP jżommu l-ħila li jagħmlu għażliet skont iċ-ċirkustanzi attwali u r-riżorsi disponibbli, li huwa partikolarmen importanti fil-klima finanzjarja attwali. ENFORC tiżgura iktar konsistenza u adozzjoni madwar l-UE. Iż-żewġ alternattivi jġorru spejjeż għall-OSP u l-kumpaniji minħabba ż-żieda fir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-htięga għal għarfien u kontrolli akbar f'firxa ta' politiki. Iż-żewġ alternattivi jistgħu, fi żmien qasir tal-anqas, iżidu l-kumplessità u l-piż amministrattiv.

6.4. Aċċess

Alternattivi

ACC.SOFT: aktar gwida mill-UE u taħriġ dwar l-aċċess eż-żiġi ffaċilitat il-bejgħ u xiri transfruntieri.

ACC.LEGI.FACILIT: tneħħi l-ostakli amministrattivi għall-parteċipazzjoni tal-SMEs u aċċess transfruntier.

ACC.LEGI.ENFORC: tintroduċi miżuri preskrittivi biex jiġi riżervati partijiet mis-swieq tal-AP għall-SMEs jew jeħtieġu l-istrutturar tax-xiri b'modi li jiffavorixxu l-parteċipazzjoni tal-SMEs.

Impatti

Għal darb' oħra, iż-żewġ (2) alternattivi LEGI fihom kontenut simili u d-differenza prinċipali fl-impatt tirrelata ma' jekk ġiex adottat approċċ permessiv jew koerżiv. Filwaqt li miżuri koersivi għandhom iwasslu għal aktar SMEs u possibilment aċċess transfruntieri u ġeneralment itejbu s-suq intern għall-AP, mhux neċċessarjament ċert li dan iqarreb u jissimplifika r-regoli. Żieda fir-rekwiżiti tal-informazzjoni tista' żżid il-kumplessità u l-piż amministrattiv għal OSP u l-kumpaniji. Xi wħud minn dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu inqas taħt approċċ permessiv, li jista' jkun immirat aktar għall-bżonnijiet lokali.

Strumenti li għandhom l-għan li jiffaċilitaw aċċess għas-swieq tal-AP tal-UE eż-żgħiex. Billi jnaqqsu r-rekwiżiti evidenzjarji għas-sottomissjoni tal-offerti, għandhom jirriżultaw fi proċessi eħx-xfarr u anqas ikkumplikati għall-SMEs u l-offerenti transfruntieri. Jekk jiġi adottat l-approċċe tal-offerent rebbieħ għall-forniment ta' evidenza dokumentarja jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi bi 80%. L-użu tal-lottijiet għal kuntratti b'valur totali ogħla minn ġerti limiti wkoll iżid l-għadd ta' kuntratti aċċessibbli għall-SMEs.

L-alternattiva ACC.SOFT ikollha impatt pożittiv żgħir fuq ir-rati tal-aċċess iżda hija rħisa.

6.5. **Governanza**

Alternattivi

GOV.SOFT: tidentifika u tipprovdi gwida għal oqsma ta' diffikultà rikorrenti li jaffettwaw il-governanza eż-żgħiex. Tagħlim u referenzjar mill-“aħjar prassi”.

GOV.LEGI.TARGET: tingrana ekonomiji ta' skala u riżultati ottimali għall-OSP billi tuża korpi professjonali speċjalizzati li jaggiegaw ix-xiri, fejn xieraq.

GOV.LEGI.ENHANC: tobbliga lill-iSM jistabbilixxu awtorità nazzjonali responsabbi għall-implementazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-AP u li tirrapporta annwalment dwar il-prestazzjoni.

Impatti

Żieda fid-disponibbiltà u r-rwol tal-korpi tax-xiri speċjalizzati għandha tgħin b'mod sinifikati lil ħafna OSP li rarement iwettqu akkwisti ta' valur għoli u li ma jkunux ġerti dwar kif għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-UE. Filwaqt li aggregazzjoni akbar toħloq tħassib dwar l-eskużjoni possibbi mis-suq li jkun jeħtieġ jiġi indirizzat, GOV.LEGI.TARGET għandha jkollha beneficijji kumplessivi għall-OSP u l-kumpaniji. GOV.LEGI.ENHANC għandha toħloq kondizzjonijiet simili u arkitettura għall-kontroll, il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tar-regoli tal-AP flivell nazzjonali u tal-UE, ittejjebil il-konsistenza u c-ċertezza fl-UE u ssaħħa is-suq intern. Għalkemm l-iSM u l-OSP probabbilment jidħlu f'xi spejjeż addizzjonal, bosta digħi għandhom l-istrutturi meħtieġa u għandhom jiffrankaw bis-saħħa tal-koordinazzjoni mtejba u l-monitoraġġ.

Impatti simili iżda iż-ġħar jistgħu jkunu mistennija minn GOV.SOFT li minħabba nnatura volontarja tagħha, x'aktarx li ma tilħaqx l-istess grad ta' adozzjoni u konsistenza.

7. **ALTERNATTIVI PPREFERUTI**

Abbażi ta' din l-analiżi, qiegħed jiġi propost il-pakkett ta' soluzzjonijiet li ġej (kulurit griżżi):

Alternattivi Gruppi ta' problemi	Alternattivi li ma jgħib l-ebda bidla (NC)	Alternattivi ta' liġijiet soft (SOFT)	Leġiżlattivi – ġeneralment fi ħdan il-qafas attwali (LEGI._)	Leġiżlattivi - ġodda jew bidla sinifikanti (LEGI._)
Kamp ta' applikazzjoni (SCO)	<i>SCO. NC</i>	<i>SCO. SOFT</i>	<i>SCO.LEGI.TARGET (jiċċaraw il-konfini)</i>	<i>SCO.LEGI.REDUCE (riarranġament sinifikanti tal-kamp tal-applikazzjoni)</i>
Proċeduri (PRO)	<i>PRO. NC</i>	<i>PRO. SOFT</i>	<i>PRO.LEGI.DESIGN (ittejjeb d-definizzjonijiet u d-disinn)</i>	<i>PRO.LEGI.FLEXIB (tkabbar l-ġhażla, iżżejjid l-akkwist-e)</i>
Strategic (STR)	<i>STR. NC</i>	<i>STR. SOFT</i>	<i>STR.LEGI.FACILIT (tiffaċilita l-akkwist pubbliku strateġiku)</i>	<i>STR.LEGI.ENFORC (tinfurza l-akkwist pubbliku strateġiku)</i>
Aċċess (ACC)	<i>ACC. NC</i>	<i>ACC. SOFT</i>	<i>ACC.LEGI.FACILIT (tiffaċilita l-aċċess)</i>	<i>ACC.LEGI.ENFORC (tinfurza l-għodod għall-aċċess)</i>
Governanza (GOV)	<i>GOV. NC</i>	<i>GOV. SOFT</i>	<i>GOV.LEGI.TARGET (tottimizza l-użu tar-riżorsi)</i>	<i>GOV.LEGI.ENHANC (issahħħah il-kontroll u r-responsabbiltà)</i>

8. MONITORAĠġ U EVALWAZZJONI FUTURI

Nuqqas ta' dejta konsistenti u komparabbli jfixxel l-isforzi attwali tal-monitoraġġ tal-progress tal-AP u biex jiġu identifikati oqsma għal azzjoni ulterjuri. Ċertu titjib fl-arranġamenti ta' monitoraġġ huwa impliċitu f'diversi miżuri kkunsidrati eż-ż-It-titjib tal-governanza u l-akkwist-e. Statistika u metodoloġiji tal-monitoraġġ aħjar għandhom jitqiesu għall-monitoraġġ ta':

- l-ispejjeż tal-konformità;
- użu u ffrankar/spejjeż ta' bidla lejn l-akkwist-e u l-prestazzjoni ta' miri strateġiċi;
- l-SMEs u r-rati tal-aċċess transfruntier;
- Miżuri biex jindirizzaw l-frodi, il-korruzzjoni u l-imġiba mhux kompetittiva.

L-abbozz tat-test ikun jinkludi impenn li tīġi evalwata kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida.